VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 425 tal-2014

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza dwar id-Drittijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Ordinanza dwar id-Drittijiet

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

2. (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregolament (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata huma dawn li ġejjin:

- Ordni dwar Eżenzjoni mill-Ħlas tad-Drittijiet għat-Tagħlim fuq Bastimenti (L.S. 35.02), u

- Regolamenti dwar Drittijiet għall-Eżami ta' Materjal fil-Laboratorju tal-Kwalità f'Ta' Kordin, (L.S. 35.23).